**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 188/2020 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CDE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat** 25 ta' Gunju 2020, fejn ppermetta u pprezenta s-segwenti;

1. Illi huma zzewwgu nhar l- 4 ta' Mejju 2013, gewwa l-Knisja tal-Grazzja ta' Haz-Zebbug u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A, liema certifikat ghandu n-numru progressiv; 805/2013;

2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mid- 19 ta’ Frar 2020 permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness bhala Dok. B, izda kienu ilhom aktar minn erba’ snin qabel separati de facto;
3. Illi minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
4. Illi skont l-imsemmi kuntratt manteniment ma hemmx u ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tipprunonzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar l- 4 ta’ Mejju 2013, gol-Knisja tal-Grazzja, Haz-Zebbug;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta’ CE** datat 7 ta’ Awwissu 2020, fejn espona bir-rispett bil-gurament tieghu kkonferma;

> Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors de quo nhar l-3 ta’ Awwissu 2020, u in ottemporanza mad-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 21 ta’ Lulju 2020, l-esponenti qed jintavola din l-umli risposta;

Illi l-esponenti u r-rikorrenti AB izewwgu nhar l- 4 ta' Mejju 2013, gol-Knisja tal-Grazzja, Zebbug Malta, liema zwieg kien registrat fir-Registru pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 805/2013;
Illi l-paritijiet isseperaw de jure permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Josef Masini Vento datat 19 ta' Frar 2020, izda kif indikat f' artikolu 16 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet kienu ilhom seperati de facto minn Marzu 2016;
Illi minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
Illi l-partijiet ma jhallsux manteniment lil xulxin ai termini tal-artikoli 3 u 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni.

Ghalhekk l-esponenti ma ghandux oggezzjoni ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li r-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti skond il-ligi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**